# Ġurnata fil-ħajja ta' pumpier

**Julia Farrugia**
jfarrugia@mediatoday.com.mt

**Is-skiet fil-kamra jixxellef bid-daqq qawwi ta' qanpiena li għall-ewwel bħal donnu jfakkrek fil-qanpiena ta' l-iskola. Imma l-ħoss tant hu qawwi li wara ftit sekondi jġenġillek widnejk.**

F'daqqa waħda l-kamra xi darba kwieta tinbidel ta' taħt fuq. Ħames ħaddiema jlebbtu 'l barra wara xulxin bl-apparat imdendel wara daharhom. Ftit sekondi wara nsib ruħi fuq is-seat ta' wara ta' karozza tat-tifi tan-nar. Illum se ngħixu ġurnata ma' dawn il-ħaddiema li bla daqq ta' trombi huma fost l-inqas ħaddiema li jissemmew anke jekk ta' kuljum isalvaw nies innoċenti minn saram li jkunu daħlu fih.

Hekk kif il-karozza tat-tifi tan-nar titlaq mix-Xemxija u sserrep fit-toroq ta' San Pawl il-Baħar inżomm kif nista' mat-tieqa. Imma fil-liwjiet bil-veloċità li għaddejjin biha niżżerżaq minn naħa għall-oħra tas-seat.

Quddiemna karozza tat-tifi tan-nar oħra. Fuq din is-sejħa ħriġna b'żewġ teamijiet. Żewġ karozzi mexjin ċlikki ċlikka wara xulxin jimblukkaw it-triq. Is-sirena blu tal-vettura tat-tifi tan-nar tixgħel biex il-karozzi jagħmlu l-wisa'.

Tmien ċilindri sofor, ilbiesi tal-bugħaddasa u għodda oħra tal-baħar, huma fost l-apparat miġbur maġenbi f'ċestuni tal-plastik.

Il-ħajja ta' pumpier hi hekk: imprevedibbli. Filli qiegħed bilqiegħda tnaddaf l-apparat tax-xogħol u filli trid toħroġ barra ssalva l-ħajja ta' bniedem. Iżda mhux biss.

It-telefonata li daħlet fl-istazzjon tat-tifi tan-nar ftit tas-sekondi qabel ġiet minn tfajla fil-Għargħur. F'appell imqanqal talbet biex il-ħaddiema jmorru jsalvaw ferħ ta' qattus li waqa' ġo bir. Il-qattus ma kienx tagħha imma wieħed minn ħafna abbandunati fl-isqaq li tgħix fiha. Tispikka l-imħabba tal-ħaddiem tal-Protezzjoni Ċivili. Dan il-każ jiġi trattat bl-akbar attenzjoni daqslikieku kien bniedem li għandu bżonn l-għajnuna.

X'ħin naslu fuq il-post Natalino Bezzina, il-bniedem li jieħu ħsieb l-istazzjon tax-Xemxija, jagħmel il-kalkoli dwar x'tip ta' ħidma hi meħtieġa.

L-għażla taqa' fuq Tony. Hu l-ħaddiem li se jinżel fil-bir. Hu l-bniedem ideali għal din il-missjoni. Mibni minn fuq imma tant irqajjaq minn isfel li jista' jgħaddi mill-bokka tal-bir mingħajr ma jeħel.

Bejn ċajta u oħra dlonk tintebaħ li l-ispirtu ferrieħi ta' dawn il-ħaddiema hu wieħed partikolari u b'ton nebbiexi jgħidulu li jekk ifettlilhom iħalluh fil-bir biex ipattuhielu ta' kemm-il darba qagħad imqareb.

Lil Tony, li hu wkoll il-Leading Assistance Rescue Officer tal-grupp, jorbtuh bi ħbula għal ta' l-apposta u b'elmu bid-dawl miegħu jitniżżel fil-bir. Il-qattus ma jinstabx. Minuti ta' stennija. Frederick, pumpier ieħor, jitla' fuq il-bejt jispezzjona l-katusa minn fejn waqa' l-qattus. Tkompli t-tfittxija. Ftit tal-ħin wara nisimgħu bikja żgħira. Fl-aħħar tana sinjal! Il-qattus għadu ħaj. Wiċċ il-ħaddiema jixgħel. Mill-bokka tal-bir titla' għajta. Din id-darba ta' Tony.

"Sibtu, hawn qiegħed. Ejja 'l hawn sabiħ," jinstema' l-ħaddiem minn isfel.

Ftit wara mill-ħorża tfeġġ bixkilla b'qattus ċkejken li ma' l-ewwel daqqa t'għajn tistħajlu fellus għasra.

Sid id-dar titbaxxa 'l isfel tfissed lill-qattus. Wara ftit tistaqsi lill-ħaddiema x'tista' toffrilhom biex jitrejqu.

"Xejn," qabeż Tony.

" Ħaġa waħda fil-każ. Lill-qattus semmieh Mosè la sibnieh fl-ilma," jkompli bi tbissima l-pumpier.

"U bil-ħaqq, jekk il-qattus issib li hi mara, semmiha Pamela Anderson. Tajjeb hekk?"

U f'kemm ili ngħidlek erġajna lura fil-vettura tat-tifi tan-nar.

Ġurnata qatt mhi bħal oħrajn. Tista' tiġik ġurnata kwieta u tista' tinzerta xi tlett ijiem infila b'gelgul xogħol li ma jieqaf qatt.

Il-każijiet ivarjaw. Minn nirien qawwija, splużjonijiet fi kmamar tan-nar, inċidenti fatali tat-traffiku u tixbit ma' irdumijiet biex tkun salvata xi persuna li waqgħet.

Nidħlu lura fil-bażi tax-Xemxija. Il-kelma bażi mhix eżatta. Il-post qisu dar. Fuq naħa għandek salott imniffed ma' kċina żgħira. Fuq naħa oħra hemm il-kmamar tas-sodda. Il-ħaddiema jgħixu f'ambjent ta' familja. Jieklu, jsajru, jorqdu u jgħixu taħt l-istess saqaf. Ix-xift tagħhom twil 24 siegħa.

"Hawn l-imħabba ta' bejnietna akbar minn ta' familja," jispjega Natalino.

"Ħajti tiddependi minn sieħbi. Għandna fiduċja għamja f'xulxin għax nafu li waqt li qed nitfu xi nar, ħajti qed isserraħ fuq il-kollega tiegħi."

Nintasbu bil-qiegħda nieħdu kafè. Jeffrey u Joe li dejjem jaħdmu flimkien joħorġu torta tat-tiġieġ u jitmgħuni magħhom.

Bejn gidma u oħra jispikkaw ir-rakkonti tal-ħaddiema. Tony joħroġ munzell ritratti u artikli maqtugħin puliti mill-gazzetti. Huma artikli dwar stejjer li ħadmu fuqhom u li jibqgħu ttimbrati f'moħħhom.

Storja minnhom bħal tal-films, operazzjoni sigrieta li ssugraw ħajjithom fuqha. Rabtuni biex ma ngħid xejn. Kelma ta' mara.

Esperjenzi oħra jħalluk tirrifletti.

"Ġieli kellna nidħlu f'nirien qawwija. Tħoss qalbek tgħaġġel. Tgħid jien se noħroġ ħaj minn hawn?" jgħid Natalino.

Imma l-ħaddiem tal-protezzjoni ċivili kemm hu viċin dak li naraw fil-films bħal Ladder 49?

"Film bħal dan ħareġ aspetti li n-nies diffiċli tarahom fil-ħajja normali tagħna. Ħareġ li l-pumpier hu bniedem tad-demm u l-laħam u għandu emozzjonijiet bħal kull bniedem ieħor," jistqarr Natalino.

Ħaddiem ieħor jgħidli li l-mara tiegħu baqgħet ma tridx tarah dan il-film għax ma tridx tara l-perikli li jgħaddi minnhom żewġha.

"Min-naħa l-oħra tibda tgħid din ix-xena hi reali, imma din hi żinnata kbira," jkompli l-ħaddiem.

Hemm imbagħad sitwazzjonijiet diffiċli ħafna.

"Darba mort fuq inċident fatali u sibt li l-vittma kien xi ħadd li naf jien u li ftit qabel kont għadni kemm kellimtu," jispjega Lawrence, ħaddiem ieħor f'dan ix-xift.

F'kemm ili ngħidlek tidħol telefonata oħra. Ħabta kerha u fil-karozza għad fadal persuna maqbuda. Il-ħaddiema jinżlu riħ fit-triq indikata.

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili għandu tagħmir għal ta' l-apposta għal każijiet gravi bħal dawn.

"Dan l-apparat hu jaws of life," jispjegali ħaddiem minnhom.

"Bih minbarra li fi ftit ħin tista' taqta' saqaf ta' karozza, tista' wkoll tqandel sa toqol ta' 40 tunnellata."

Waqt li qed jisserraw is-saqaf. Jinfaqa' l-ħġieġ. Tinħareġ il-persuna. Ambulanza li qed tistenna biswitna tieħu l-vittma dritt l-isptar. Issalva.

Wara, lura għax-Xemxija. Fil-ħin liberu mmorru l-gym li l-ħaddiema ramaw minn buthom. Id-dixxiplina hi xi ħaġa kbira. Ma nafx jekk hux għax kont hemm nagħmel din l-istorja imma aktar minn siegħa taħriġ bil-weights baqgħu għaddejjin anke waqt l-intervisti.

It-telefon jerġa' jċempel. Naħsbuh li nqala' xi ħaġa. Mill-control room jgħidulna li f'Għawdex intilfu numru ta' bugħaddasa. Jekk tinqala' l-ħtieġa tissejjaħ l-għajnuna tagħna. Sakemm indum mal-ħaddiema ma jinqala' xejn aktar.

Lura fil-karozza biex nerħilha lejn id-dar inħares fil-bogħod lura lejn ix-Xemxija. Nieżla bil-mod minn wara d-djar żgħar hemm bħal ballun kbir oranġjo. Il-kuluri tax-xemx jitfgħu l-istess tip ta' żelu li joffru dawn il-ħaddiema. Kos. Anke jekk ma nafuhomx, lesti li jagħtu ħajjithom għalina.





## Eluf ta' każijiet fis-sena

**Fl-2005 il-ħaddiema tas-CPD ħarġu fuq 7,075 każ differenti. L-akbar ammont 1,954 kien bi ħruġ tal-helicopters. It-tieni l-akbar ammont: 1,223 fuq twaqqiegħ ta' żejt.**

**Fl-2006 kellhom 5,171 sejħa. L-akbar ammont 1,357 fuq ħruq ta' ħaxix u siġar.**

**Fl-2007 diġà ħarġu fuq 1647-il każ.**

**F'sentejn u nofs diġà kien hemm telefonata 588 bħala ċajta.**

## Kont taf?

- F'Malta hawn 120 ħaddiem tal-protezzjoni ċivili. 32 minn dawn qiegħdin Għawdex.
- Kull ġimgħa jkun hemm każ ta' nirien minħabba washing machines li jitħallew jaħdmu waħidhom.
- Tħallix tiżjin tal-Milied mixgħul meta ma tkunx id-dar.
- Evita l-kutri ta' l-elettriku.
- Tħallix il-borma fuq in-nar jew il-forn mixgħul meta ma tkunx id-dar.
- Meta tkun qed tagħmel BBQ tużax pitrolju.
- Wara BBQ tarmix iċ-charcoal fir-ramel għax dan jibqa' jaħraq għal sigħat twal u tfal u adulti jistgħu jixwu saqajhom. Ħalli ċ-charcoal jiksah jew xarrbu.
Wara tista' tarmieh f'barmil taż-żibel.



**FI BŻONN TA' GĦAJNUNA ĊEMPEL 112**

**Natalino Bezzina**
**40 sena**
"It-traġedja ta' l-Um El Faroud tibqa' friska f'moħħi. L-istess traġedji fi kmamar tan-nar u l-każ tat-tliet ħaddiema tad-drenaġġ li mietu waqt ħidmiethom. Tista' tkun xi ħaġa żgħira li timlik bis-sodisfazzjon. Ma ninsiex il-każ ta' meta dħalt f'apparatament insalva żewġt itfal. X'ħin rawni bl-elmu u bl-ilbies grottesk tgħidx kemm bkew. Bis-sinjali spjegajtilhom li ridt insalvahom. It-tgħannieqa tagħhom kienet xi ħaġa inkredibbli."



**Jeffrey Galea**
**42 sena**
"L-agħar esperjenza li qatt ħdimt fuqha hi dak ta' l-isplużjoni ta' Raħal Ġdid. B'għafsa kbira ta' qalb kelli noħroġ tarbija żgħira mejta.
"L-akbar sodisfazzjon meta tmur fuq inċident tat-traffiku u ssalva ħajja ta' bniedem."



**Frederick Sammut**
**33 sena**
"Mument li ma jitlaq qatt minn quddiem għajnejja hu dak meta jum fost l-oħrajn f'Diċembru konna msejħa fuq inċident. Karozza waqgħet fil-baħar u żewġ żgħażagħ kienu maqbuda fl-ilma.
"L-isbaħ mument hu kull moment li fih tgħin biex issalva lil ħaddieħor."



**Tony Micallef**
**32 sena**
"Darba salvajt kelba tal-fenek fl-inħawi tal-Qortin fil-Mellieħa. Dħalt għaliha f'fond ta' madwar 40 metru. Meta ratni l-ewwel ħaġa li għamlet ġiet tilgħaqni. Emozzjonanti meta annimal jurik il-grazzi tiegħu talli salvajtu.
"L-agħar esperjenza meta ħriġt fuq każ u sibt li kien ħabib tiegħi."



**Joseph Tabone**
**38 sena**
"Episodju li affettwani psikoloġikament kienet l-isplużjoni ta' Raħal ġdid. Dak iż-żmien kont ma' l-SAG Rescue. Niket kbir meta tara tarbija ta' ftit xhur mgħaffġa.
L-aktar mument ta' sodisfazzjon kien meta minn Għawdex ġejt trasferit kif tlabt lejn Malta. Jekk f'Għawdex tiltaqa' ma' żewġ inċidenti hawn tiltaqa' ma' 10 u tista' tkun aktar ta' għajnuna."



**Lawrence Bianco**
**52 sena**
"Waħda mill-agħar esperjenzi meta ħriġt fuq inċident fatali u sibt persuna li kont naf. Ma ndunajtx mill-ewwel. Qabadni bard kbir għax ħames minuti qabel kont kellimtu.
"Kull biċċa xogħol li taħdem hi ta' sodisfazzjon imma l-aktar meta toħroġ persuna ħajja wara inċident tat-traffiku."

